MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 23 ta' Ottubru, 2002

Numru. 785/2000

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
Lewis Pace, iben Joseph, imwieled
Marsa fil-31 ta' ottubru, 1952

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fi frar tas-sena 1999 jew fix-xhur ta' qabel, fil-Ħamrun jew fi bnadi oħra
f'dawn il-Gżejjer, għamel falsifikazzjoni b'firem foloz fi skrittura privata u cioe' dikjarazzjoni bid-data tat-8 ta' diċembru, 1998 li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;
2. talli fl-istess ċirkostanżi xjentement għamel użu mill-istess skrittura;
3. talli fl-istess ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn dokument iffalsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tikkundanna lil Lewis Pace għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pulizija rċeviet kwerela mingħand ċertu Leslie Woodhead fejn allega li firma fuq dokument mhiex tiegħu.  Dan id-dokument kien jirreferi għal “full and final settlement” ta’ pendenza ta’ impjieg bejn l-imputat u din il-persuna.  Illi Leslie Woodhead kien impjegat ma l-imputat bħala xufier u hu kien temm l-impieg tiegħu mal-imputat fit-30 ta’ novembru, 1998.  Id-dokument in kwistjoni li jġib id-data tat-8 ta’ diċembru, 1998 kien jindika li kwalunkwe rapport bejn il-partijiet kien intemm minħabba l-fatt li l-imputat kien ħallas dak kollu dovut lil Leslie Woodhead.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Leslie Woodhead kien għadu qed jippretendi xi ħlas u għalhekk mar id-dipartiment tax-xogħol biex isolvi din il-kwistjoni.  Fil-kors ta’ korrispondenza bejn id-dipartiment u l-imputat, l-imputat għarraf lid-dipartiment li ma kien hemm ebda kwistjoni għaliex Leslie Woodhead kien iddikjara li tħallas dak kollu dovut.  Id-dipartiment wera din l-ittra lil Leslie Woodhead.  Min-naħa tiegħu Lelsie Woodhead informa d-dipartiment li l-firma fuq dik l-ittra ma kinitx tiegħu.

Illi fil-kors ta’ din il-kawza saret periżja tal-kalligrafija fuq dan id-dokument u minn
l-espert maħtur minn din il-Qorti kkonkluda li l-firma fuq l-ittra datata 8 ta’ diċembru, 1998 ma kinitx ta Leslie Woodhead.

Illi l-imputat min-naħa tiegħu dejjem sostna li l-firma fuq dik l-ittra kienet ta' Leslie Woodhead. Hu xehed li dik il-firma saret fil-prezenza tiegħu u ta' ibnu Mark Pace. Mark Pace offra x-xiehda tiegħu u ikkonferma dak li qal l-imputat u cioe' li Leslie Woodhead kien iffirma dan id-dokument hawn fuq imsemmi fil-prezenza tiegħu wkoll.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jinħoloq dubju jekk verament l-imputat iffalsifika
l-firma ta' Leslie Woodhead. Għal din l-istess raġuni, billi ma jistax jiġi pruvat li
l-imputat uża xjentement dan id-dokument jinħoloq l-istess dubju li għandu jmur favur l-imputat. Dan qed jingħad b'referenza speċifika għal din il-kawża mingħajr ma jiġu mittifsa d-drittijiet ċivili li jista' jkollu Leslie Woodhead.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi.